# JUM DINJI TAT-TFAL 2024

Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

# PJAN GĦAL LEZZJONI SEKONDARJA

L-20 ta' Novembru huwa l-Jum Dinji tat-Tfal, jum li hu mfakkar minn kulħadd mad-dinja kollha. Huwa jum ta' azzjoni għat-tfal li jimmarka l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Dan il-jum, li ġie stabbilit mill-Ġnus Magħquda, huwa ċċelebrat kull sena biex jippromwovi d-drittijiet u l-benesseri tat-tfal u s-solidarjetà globali għalihom.

Kull sena, il-Jum Dinji tat-Tfal jiffoka sabiex iqajjem kuxjenza dwar affarijiet li jaffettwaw lit-tfal madwar id-dinja, bħalm'huma l-edukazzjoni, is-saħħa, is-sigurtà u l-benesseri. Dan il-jum iħeġġeġ lil kulħadd, minn gvernijiet sa għaqdiet u individwi, biex jingħaqdu biex joħolqu dinja aħjar għat-tfal.

It-tema għal din is-sena hija Isimgħu l-futur! Jekk nisimgħu lit-tfal, nistgħu nwettqu d-dritt tagħhom li jesprimu ruħhom, nifhmu l-ideat tagħhom għal dinja aħjar u ninkludu l-prijoritajiet tagħhom fl-azzjonijiet tagħna llum.

Skont dan kollu, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ħoloq toolkit li jippromwovi d-dritt tat-tfal għall-parteċipazzjoni u li jsostni l-iskejjel biex ifakkru l-Jum Dinji tat-Tfal. Dan it-toolkit fih żewġ vidjows (wieħed għall-Primarja u wieħed għall-Iskola Medja/Sekondarja) kif ukoll pjan ta' lezzjoni li jmur mal-vidjows.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jirringrazzja lill-edukaturi kollha tas-sapport tagħhom fil-promozzjoni ta' dan il-jum importanti!

# Pjan għal Lezzjoni Jum Dinji tat-Tfal



**Livell:** 7 sa 11-il sena
**Ħin:** 45 minuta sa siegħa
**Riżorsi:** Filmat



## 1 - Riżultati ta' Tagħlim:

- ✓ Kapaċi nifhem u niddiskuti x'inhuma d-drittijiet tat-tfal, inkluż it-tifsira u s-sinifikat tal-parteċipazzjoni tat-tfal, hekk kif imniżżla fil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
- ✓ Kapaċi niddeskrivi għalfejn huwa importanti għat-tfal u ż-żgħażagħ li jkunu parti minn deċiżjonijiet li jolqtuhom, u l-benefiċċji li dan iġib miegħu kemm għall-individwi kif ukoll għas-soċjetà.
- ✓ Kapaċi nidentifika modi kif nista' nipparteċipa b'mod attiv fi ħdan il-komunità tiegħi.

## 2 - Intenzjoni ta' Tagħlim

- ✓ Kapaċi niddiskuti d-drittijiet tat-tfal u kif l-ideat tiegħi jistgħu jħallu impatt pożittiv.

## 3 - Kriterji ta' Suċċess:

- ✓ Kapaċi nispjega x'jeħtieġ id-dritt għall-parteċipazzjoni, billi nagħmel użu mill-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal.
- ✓ Kapaċi niddeskrivi minn tal-inqas żewġ raġunijiet għalfejn il-parteċipazzjoni tat-tfal hija importanti għall-iżvilupp individwali u l-ġid tas-soċjetà.
- ✓ Kapaċi nidentifika modi kif nista' nipparteċipa attivament biex inwettaq bidliet pożittivi fl-iskola u l-komunità tiegħi.

# 4 - Keywords:

Drittijiet
Parteċipazzjoni
Attiviżmu

# 5 - Introduzzjoni: 15-il minuta

- Ibda l-lezzjoni billi tikteb 'drittijiet tat-tfal' fuq il-bord.
- Stieden l-istudenti jaħsbu u jispjegaw x'qed jifhmu bil-kelma 'drittijiet'.
- Għarraf l-istudenti li l-lezzjoni tal-lum hija dwar il-Jum Dinji tat-Tfal, iċċelebrat fl-20 ta' Novembru.
- Agħti lill-istudenti d-definizzjoni ta' Drittijiet tat-Tfal: Id-drittijiet tat-tfal huma ġabra ta' drittijiet fundamentali li kull tifel u tifla huma intitolati għalihom, irrispettivament min-nazzjonalità, ir-razza, il-ġeneru, jew l-istat ekonomiku tagħhom. Dawn id-drittijiet huma mfassla biex jipproteġu l-benesseri, id-dinjità u l-iżvilupp tat-tfal, u huma elenkati fil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC).

# 6 - Parteċipazzjoni tat-Tfal: 15-il minuta

IInforma lill-istudenti li se jaraw <u>vidjow</u> relatat mad-dritt tat-tfal għall-parteċipazzjoni.

Mistoqsijiet ta' diskussjoni:

1. Liema kienu l-messaġġi ewlenin li ħarġu l-iktar f'dan il-filmat, u għalfejn ġibdu l-attenzjoni tagħkom?
2. Tistgħu taħsbu f'mumenti meta ħassejtu li l-opinjoni tagħkom ma ġietx ikkunsidrata u kif ħassejtukom?

# 1 - Diskussjoni: 15-il minuta

- Informa lill-istudenti tiegħek li l-Artiklu 12 tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal (li jindika liema huma d-drittijiet tat-tfal) jgħid li: it-tfal għandhom dritt li jfissru l-fehmiet tagħhom b'mod ħieles fuq kwalunkwe ħaġa li taffettwahom.
  Il-fehmiet tagħhom għandhom jitqiesu kif inhu xieraq skont l-età u l-maturità tagħhom.
  Dan ma jfissirx li l-adulti jridu jagħmlu dak li jgħidu t-tfal; pjuttost il-parteċipazzjoni tat-tfal teħtieġ djalogu ta' rispett fejn l-adulti jisimgħu lit-tfal u jispjegawlhom ir-raġunijiet ta' ċerti deċiżjonijiet.



- Aqsam l-istudenti fi gruppi ta' tnejn jew tlieta.
- Agħtihom id-domandi li ġejjin biex jiddiskutuhom.
- Stieden kull grupp jagħżel membru li se jaqsam l-ideat tal-grupp mal-klassi kollha:

  - Għalfejn hu importanti li t-tfal ikunu jistgħu jaqsmu l-fehmiet tagħhom?
  - Semmu xi eżempji ta' deċiżjonijiet fejn il-kontribut tat-tfal huwa siewi.
  - Kif jista' s-smigħ ta' dak li jaħsbu t-tfal itejjeb ir-riżultati għal kulħadd?
  - B'liema modi taħseb li l-adulti jisimgħu l-fehmiet tat-tfal u fejn hemm lok għal titjib?
  - X'tista' tagħmel jekk tħoss li l-adulti mhumiex qed jisimgħuk?
- Stieden kull grupp biex jaqsam xi wħud mill-ideat tagħhom fil-grupp sħiħ.

# 8 - Konklużjoni:

- X'tgħallimna llum?
- Liema huma t-temi li huma għal qalbek u li tista' taħdem għal bidla, u kif tista' tagħmel dan?
- Kif jista' l-fatt li tifhem id-drittijiet tiegħek jgħinek taqbeż għalik innifsek u għal ħaddieħor?
- Kif tista' l-parteċipazzjoni tiegħek toħloq bidla pożittiva għalik u għal ta' madwarek?

Erġa' dur il-punti ewlenin tad-drittijiet tat-tfal u l-importanza li t-tfal jinstemgħu u jipparteċipaw.

It-tfal għandhom dritt jaqsmu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom, dan għandu jsir b'mod rispettuż. Dejjem għandna niżguraw li kulħadd ikollu ċans jitkellem, u għandna nisimgħu u nifhmu lil xulxin.

Ħeġġeġ lit-tfal iżuru [empoweringchildren.gov.mt](empoweringchildren.gov.mt) biex jaċċessaw informazzjoni tajba għat-tfal rigward il-pjanijiet tal-Gvern. It-tfal jistgħu wkoll jgħidu x'jaħsbu dwar id-drittijiet tat-tfal permezz ta' din l-app.

# Attività ta' Follow-up (jekk trid)

Powster – Stieden lill-istudenti tiegħek jaħdmu flimkien u jiftiehmu fuq tema ta' drittijiet tat-tfal li jixtiequ jaħdmu fuqha. Agħtihom xi kartonċin jew folji ta' karta A3 u stedinhom joħolqu powster li jirrappreżenta l-ideat tagħhom dwar kif il-kwistjoni tista' tiġi indirizzata fl-aħjar interess tat-tfal.